**Parlament Ewropew**
2019-2024

*Dokument ta' sessjoni*

**A9-0428/2023**

8.12.2023

***

# RAKKOMANDAZZJONI

dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, tal-Protokoll ta' Adeżjoni għall-Ftehim Qafas ta' Sħubija Komprensiva u Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Indoneżja, min-naħa l-oħra, biex jittieħed kont tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea
(12975/2014 – C9-0314/2023 – 2014/0220(NLE))

Kumitat għall-Affarijiet Barranin

Rapporteur: Andrzej Halicki



*Magħquda fid-diversità*

PR_NLE-AP_Agreement

### *Tifsira tas-simboli użati*

| | |
|---|---|
| * | Proċedura ta' konsultazzjoni |
| *** | Proċedura ta' approvazzjoni |
| ***I | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari) |
| ***II | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari) |
| ***III | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari) |

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

# WERREJ

**Paġna**

ABBOZZ TA’ RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW ..........5

NOTA SPJEGATTIVA ........................................................................................................6

ANNESS: LISTA TA’ ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM........................................................................................7

PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI ................................................................8

VOTAZZJONI FINALI B’SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI .........9

## ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, tal-Protokoll ta' Adeżjoni għall-Ftehim Qafas ta' Sħubija Komprensiva u Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Indoneżja, min-naħa l-oħra, biex jittieħed kont tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea**
**(12975/2014 – C9-0314/2023 – 2014/0220(NLE))**

**(Approvazzjoni)**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (12975/2014),

– wara li kkunsidra l-abbozz ta' Protokoll ta' Adeżjoni għall-Ftehim Qafas dwar Sħubija Komprensiva u Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Indoneżja, min-naħa l-oħra, biex jittieħed kont tal-Adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea[1],

– wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni ppreżentata mill-Kunsill skont l-Artikoli 207 u 209 u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (a) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C9-0314/2023),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 105(1) u (4) u l-Artikolu 114(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A9-0428/2023),

1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-protokoll;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u tar-Repubblika tal-Indoneżja.

[1] ĠU L 218, 5.9.2023, p. 3.

## NOTA SPJEGATTIVA

Dan il-Protokoll ta' Adeżjoni jippermetti lir-Repubblika tal-Kroazja taderixxi bħala Parti għall-Ftehim Qafas ta' Sħubija Komprensiva u Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha u r-Repubblika tal-Indoneżja li ġie ffirmat f'Jakarta fid-9 ta' Novembru 2009. Bi qbil mal-Att dwar il-kundizzjonijiet tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea, ir-Repubblika tal-Kroazja impenjat ruħha li taċċedi għall-ftehimiet konklużi jew iffirmati mill-Unjoni Ewropea u mill-Istati Membri tagħha ma' pajjiż terz wieħed jew aktar jew ma' organizzazzjoni internazzjonali.

Fit-23 ta' Lulju 2014, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Protokoll ta' Adeżjoni għall-Ftehim Qafas bejn l-UE u l-Indoneżja. Fit-8 ta' Ottubru 2014, il-Kunsill iddeċieda li jitlob lill-Parlament Ewropew jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Protokoll ta' Adeżjoni. Il-Protokoll ta' Adeżjoni ġie ffirmat fit-22 ta' Ġunju 2023 u sussegwentement, fl-24 ta' Lulju 2023, il-Kunsill talab lill-Parlament Ewropew jagħti l-approvazzjoni tiegħu. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, ir-rapporteur jirrakkomanda li l-Parlament jagħti l-approvazzjoni tiegħu għal dan il-Protokoll ta' Adeżjoni.

## ANNESS: LISTA TA’ ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM

Ir-rapporteur jiddikjara, taħt ir-responsabbiltà esklużiva tiegħu, li ma rċieva l-ebda kontribut minn entità jew persuna li jrid jissemma f’dan l-Anness f’konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta’ Proċedura.

## PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Ftehim Qafas ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Indoneżja, min-naħa l-oħra, biex jittieħed kont tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-UE |
| **Referenzi** | 12975/2014 – C9-0314/2023 – 2014/0220(NLE) |
| **Data tal-konsultazzjoni jew tat-talba għal approvazzjoni** | 24.7.2023 |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | AFET<br>14.9.2023 |
| **Kumitati mitluba jagħtu opinjoni**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | DEVE INTA<br>14.9.2023 14.9.2023 |
| **Opinjoni(jiet) mhux mogħtija**<br>Data tad-deċiżjoni | DEVE INTA<br>27.11.2023 11.7.2019 |
| **Rapporteurs**<br>Data tal-ħatra | Andrzej Halicki<br>11.10.2023 |
| **Eżami fil-kumitat** | 16.11.2023 |
| **Data tal-adozzjoni** | 7.12.2023 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 38<br>–: 0<br>0: 0 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Alexander Alexandrov Yordanov, Maria Arena, Petras Auštrevičius, Traian Băsescu, Anna Fotyga, Michael Gahler, Sunčana Glavak, Andrius Kubilius, Ilhan Kyuchyuk, David Lega, Leopoldo López Gil, Thierry Mariani, Pedro Marques, Sven Mikser, Alessandra Moretti, Matjaž Nemec, Tonino Picula, Thijs Reuten, Andreas Schieder, Radosław Sikorski, Jordi Solé, Dominik Tarczyński, Hilde Vautmans, Thomas Waitz, Charlie Weimers, Željana Zovko |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Özlem Demirel, Engin Eroglu, Andrey Kovatchev, Katrin Langensiepen, Ramona Strugariu, Javier Zarzalejos |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Pablo Arias Echeverría, Dace Melbārde, Javier Moreno Sánchez, Inma Rodríguez-Piñero, Maria Spyraki, Rainer Wieland |
| **Data tat-tressiq** | 11.12.2023 |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI

| 38 | + |
|---|---|
| ECR | Anna Fotyga, Dominik Tarczyński, Charlie Weimers |
| ID | Thierry Mariani |
| PPE | Alexander Alexandrov Yordanov, Pablo Arias Echeverría, Traian Băsescu, Michael Gahler, Sunčana Glavak, Andrey Kovatchev, Andrius Kubilius, David Lega, Leopoldo López Gil, Dace Melbārde, Radosław Sikorski, Maria Spyraki, Rainer Wieland, Javier Zarzalejos, Željana Zovko |
| Renew | Petras Auštrevičius, Engin Eroglu, Ilhan Kyuchyuk, Ramona Strugariu, Hilde Vautmans |
| S&D | Maria Arena, Pedro Marques, Sven Mikser, Javier Moreno Sánchez, Alessandra Moretti, Matjaž Nemec, Tonino Picula, Thijs Reuten, Inma Rodríguez-Piñero, Andreas Schieder |
| The Left | Özlem Demirel |
| Verts/ALE | Katrin Langensiepen, Jordi Solé, Thomas Waitz |

| 0 | - |
|---|---|
| | |

| 0 | 0 |
|---|---|
| | |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni